Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 173, Triq il-Ġdida, Luqa, nhar l-Erbgħa 5 ta' Lulju 2017 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Il-Kunsilliera | Is-Sra. Denise Cutajar<br>Is-Sur. Kearon Bruno<br>Is-Sur Eric Camilleri<br>Is-Sinjura Elaine Camilleri Schembri<br>Is-Sinjura Lucia Massa<br>Is-Sur. Victor Caruana |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

---

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Deputat Segretarju Eżekuttiv
5. Tenders
6. Ħarġa għall Għawdex
7. Approvazzjoni tal-Ħlasijiet
8. Aġġornament

**Is-Sindku qabel beda l-laqgħa ta l-komdoljanzi lill-Kunsilliera Massa għat telfa tar-raġel tagħha. Inżammet minuta silenzju.**

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti kienu approvatti, bħala proponent kien hemm il-Kunsilliera Lucia Massa u ssekondat mill-Viċi Sindku Denise Cutajar.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Segretarju ressaq email li kienet waslet minn naha tal-Gvern Lokali fuq seminar li kien se jsir minn naħa tal-Universita ta' Malta fuq proġett tal-green panels. Biex minn jista jattendi.

3.2 Is-Segretarju ressaq email oħra li kienet waslet minn naħa tal-Maltese Olympic Committee fuq relay race li kienet se ssir fl-okkażżjoni tal-Commonwealth. Huma saqsew biex jekk aħna interessati nistgħu ngħidulhom biex minn Ħal Luqa jgħaddi l-Baton.

3.3 Is-Segretarju qara email rigward il-fondi tat-Town Twinning peress li kien hemm l-applikazzjonijiet miftuħa u kien se jagħlqu f' Settembru. Huwa semma li jekk hemm xi proposta għall ġemellaġġ nistgħu ndaħħluha f' din l-applikazzjoni.

3.4 Is-Segretarju qal li rċevejna email minn naħa tal-Gvern Lokali fuq korsijiet li se jiġu organizzati fuq l-istruttura tal-Unjoni Ewropeja bħala informazzjoni. Dan kien se jsir bejn l-4 u l-10 ta' Lulju.

3.5 Is-Segretarju semma email oħra li waslet minn naħa tal-Koperattivi ta' Malta fuq tnedija ta' programm AgroECVET fejn se jkun hemm disponibbli lezzjonjijiet online għall dawk interessati. Is-Sindku ta l-email lil Kunsillier Caruana biex jekk huwa interessat jattendi.

3.6 Is-Segretarju ressaq email li kienet waslet minn naħa tal-Laboratorju tal-Paċi fuq il-Premju b' Ħilti wasalt. Huwa qal li jekk għandna xi nomini nistgħu ngħadduhom hawnhekk.

3.7 Is-Segretarju semma li lejn l-aħħar ta' Lulju irridu nissottomettu l-applikazzjoni fuq l-attivitajiet kulturali fuq bażi ta tlett snin. Is-Sindku saqsa lill-Kunsillier Camilleri kif nistgħu nimxu fuq din l-applikazzjoni.

3.8 Il-Kunsillier Camilleri qal li din l-applikazzjoni kienet kumplessa ħafna u kienu qed jitolbu diversi affarijiet u l-aħjar li jkun hemm xi forma ta' linji gwida ċari. Is-Sindku qal li huwa kien se jiċċekkja ma xi Kunsilli oħra kif din l-applikazzjoni tista ssir u jerġa jkellmu.

3.9 Is-Sindku semma li kien wasal il-permess tal-Monument biex isir ix-xogħol fi Triq Sant' Andrija. Huwa qal li l-aħjar jekk din l-inawgurazzjoni issir fis-17 ta' Settembru. Is-Sindku qal li din l-attivita issir fuq bażi tas-Sibt u l-Ħadd.

3.10 Il-Kunsillier Camilleri qal li l-aħjar jekk issir fuq ġurnata waħda biss.

**Il-Kunsillier Bruno wasal għall laqgħa fis-6.07 pm.**

3.11 Il-Kunsillier Caruana saqsa jekk hux se nagħmlu xi ħaġa tal-ikel wara l-attivita biex minn ikun preżenti mhux jispiċċa kollox maċ-ċerimonja. Is-Sindku qal li għall din l-okkażżjoni nistgħu norganiżżaw majjalata biex dawk li jattendu jibqgħu magħna.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li hemm bżonn li jitkomplew il-lista tal-ismijiet li ngħataw Ġieħ Ħal Luqa fuq il-plakka li hemm ġewwa l-Kunsill. Is-Sindku qal li se jkellem persuna li tista tagħmel dawn.

3.13 Il-Kunsillier Caruana semma jekk hux se nagħmlu xi ħaġa biex nirranġaw ir-ramep li hemm fi Triq il-Ġdida sa fejn tasal kantuniera ma Triq Dun Pawl. Is-Sindku qal li fuq din se jara huwa x' jista jaghmel.

3.14 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri saqsiet jekk jistax jkun hemm Pulizija waqt il-ħin li fih joħorġu t-tfal mill-Mużew jew inkella wardens jew inkella jkunx hawn xi forma ta traffic management aħjar. Is-Sindku qal li dan is-servizz jeżisti biss fil-każ meta t-tfal jkunu sejrin l-Iskola u ma nistgħux nestenduh għall każ tal-Mużew.

**Il-Kunsillier Bruno talab biex jiġi skużat mill laqgħa fis-6.20 pm.**

3.15 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri semmiet li fi Triq il-Ġdida nistgħux naraw kif it-traffiku jista jgħaddi aħjar biex ma jkunx hemm dik il-konġestjoni qawwija speċjalment waqt il-ħin tad-dħul fl-Iskola. Is-Sindku qal li dil-ġimgħa huwa kien se jkollu laqgħa m' uffiċċjal tat-TM fejn se jressaq dan il-każ. Huwa qal li anki kien kellem lil-Awtoritajiet konċernati biex dawn jinfurzaw minn naħa tagħhom. Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li anki fi Triq San Pawl kien hemm bżonn li jsiru xi speed calming measures għax minn hawn kienu qed jgħaddu l-karozzi sparati.

3.16 Il-Kunsillier Caruana saqsa meta t-tabella tal-ħinijiet tal-Iskola li kien hemm imwaħħla fi Triq Sant' Andrija kienet se titressaq aktar lejn il-kantuniera. Is-Segretarju qal li kien se jkellem lil-ħaddiema fuqha.

3.17 Il-Viċi Sindku semmiet li l-bankina li kien hemm fin-naħa tal-Convenience Shop kellha bżonn tissewwa peress li kienet fi stat ħażin. Is-Sindku qal li kien se jara x' hemm bżonn isir hawnhekk.

3.18 Il-Kunsillier Camilleri saqsa meta kienet se ssir it-tabella ta' Triq Anton Falzon. Is-Segretarju qal li din kien ordnaha.

3.19 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet li kien hemm xi residenti li gergru għax fi Triq Sebastiano Saliba kien qed ikun hemm il-ġrieden. Is-Sindku qal li f' każijiet bħal dawn m' għandux jeħel il-Kunsill imma nirrapurtaw lis-Sanita ħalli jitfgħu il-velenu.

3.20 Il-Kunsilliera Camilleri Schembri qalet kif fi Triq Sebastiano Saliba ma jsirx xi forma ta' parkeġġ u titneħħa s-central strip li hemm. Is-Sindku semma li dan il-ħsieb kien diġa għaddilu minn moħħu u kien se jara jiddiskutix dan mal-Perit. Huwa semma li l-ewwel ried jieħu l-opinjoni tal-Kunsilliera fuq dan il-każ. Il-Kunsilliera preżenti qablu ma din il-proposta.

3.21 Il-Kunsillier Camilleri qal li rridu naraw li s-sena d-dieħla ma jkunx hemm minn jarma bil-kiosk fejn hemm il-Każin tal-Unjoni għax hawnhekk jgħaddu bil-Banda u tista tinħoloq problema għall dawk li jkunu armati.

## 4.0 DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

4.1 Is-Segretarju semma li n-nominazzjoni li kienet saret tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv li fiha kienet nominata Is-Sinjura Mary Lourdes Lautier, kienet fuq bażi temporanja u issa wasal iż-żmien biex din terġa tkun imġedda. Huwa qal li kien saqsa lis-Sinjura Lautier u din qalet li ma ssibx problema biex terġa tagħmel terminu ieħor. Is-Sindku ppropona lis-Sinjura Mary Lourdes Lautier biex terġa tkun Deputat Segretarju Eżekuttiv għall darb' oħra. Din kienet issekkondata mill-Kunsilliera Massa u l-Kunsillier Caruana.

## 5.0 TENDERS

5.1 Is-Sindku semma li issa t-tenders iridu jintgħażlu abażi tal-orħos prezz. Huwa semma li kienu reġgħu inħarġu t-tenders għat tindif tal-lattrina ta Triq Dun Pawl, dak tal-bini tal-lattrina l-ġdida fil-playing field u dak tal-finishing tal-istess lattrina tal-playing field. Huwa qara l-prezzijiet flimkien mal-ismijiet. Is-Sindku ippropona lil dawk l-offerenti li kienu offrew l-orħos prezz biex jintgħażlu f' kull tender rispettiv. Il-Kunsilliera preżenti lkoll qablu unanimament.

5.2 Il-Kunsillier Caruana semma jekk hemmx il-ħsieb li l-lattrina tkun irranġata minħabba l-istat ħażin li qiegħda fih. Is-Sindku qal li se jkun qed jara x' hawn bżonn isir.

## 6.0 ĦARĠA GĦALL GĦAWDEX

6.1 Is-Sindku semma li se ssir ħarġa għall Għawdex fejn se mmorru Ta Pinu, r-Rabat u wara l-baħar x-Xlendi u hemmhekk għall ikel. Huwa saqsa lil-Kunsilliera jekk hemmx xi ħadd minnhom interessat jattendi.

## 7.0 APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET

7.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet fuq il-ħlasijiet.

**8.0 AĠĠORNAMENT**

Il-laqgħa tal-Kunsill ġiet fi tmiemha nhar l-Erbgħa 5 ta’ Lulju 2017 fis-6.15 pm. Kien hemm il-ġurnata tas-7 t’ Awwissu 2017 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________2017.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| John Schembri | Michael Portelli |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |